MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 700/2002

**Avviz numru 700/02 DM**

**Madeleine Firman bhala mandatarja specjali fl-isem u ghan-nom tas-socjeta estera Elios Ceramics S.p.a ta' l-Italja**

**Vs**

**Grech's Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici nomine talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm2433) li huma ekwivalenti illum fi flus maltin ghal hamest elef tmien mija sitta u tmenin euro punt sitta u hamsin (Euro 5886.56) dovuti lill-attrici nomine mis-socjeta` konvenuta

bhala prezz ta’ madum tac-ceramika u merci ohra mibjugha lilhom mill-attrici nomine u accettati minnhom.

Bl-ispejjes  u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva (Dok A), cioe` mill-hmistax (15) ta’ Mejju, 2001 sad-data tal-hlas effettiv, u ta’ l-ittra ufficjali tal-hamsa (5) ta’ April 2002 kontra taghhom, bil-konvenut imsejjah ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta ta’ erbatax (14) ta’ Frar, 2003 xehed Vincent Grech, prodott mill-kumpanija konvenuta in subizzjoni fejn ikkontesta t-talba.

Billi pero` l-kumpanija konvenuta, permezz ta’ nota tat-tnax (12) ta’ Mejju, 2003 ammettiet it-talba ta’ l-attrici kif kontenuta fl-avviz;

It-talba attrici tirrizulta gjustifikata u ghandha tigi kkonfermata; u

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-attrici nomine is-somma mitluba ta’ elfejn erba’ mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm2433) bl-imghax legali b’effett mill-hmistax (15) ta’ Mejju, 2001; u

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------